# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 40**

**Citaz. Nru. 1210/95GV**

**Doc. Nru. 19-01**

Charles sive Carmelo Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' CSMR (1994) Limited

vs

Kontrollur tad-Dwana

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine ippremettiet illi fit-tlieta (3) ta' Jannar, 1995 l-attur nomine kien importa f'Malta konsenja ta' toffee u boiled sweets skond kif jidher mill-invoices u dokumenti datati tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru, 1994, li gie ezebit u mmarkati Dokument A;

U premess illi meta l-istess merkanzija giet importata l-konvenut nomine ippretenda li fuq l-istess kellha tithallas taxxa ta' levy, billi dina kellha tigi klassifikata taht il-Kap. 17.04 tal-Customs Import Tariff;

U premess illi kienu gew esentati mill-hlas tal-levy merkanzija konsistenti f'Confectionery sugar including boiled sweets and toffee containing cocoa powder,

or chocolate flavour, or chocolate essence, or any other chocolate ingredient, chocolate in bars and chocolate beans;

U premess illi l-istess merkanzija kellha korrettament tigi klassifikata bhala essenti mill-hlas tal-levy bhala kontenenti cocoa extracts u chocolate essence u mhux kif giet erroneament klassifikata mill-konvenut nomine u ghalhekk ma kienitx soggetta ghal hlas tal-levy;

U premess illi rinfaccjat bil-pretiza tal-konvenut nomine, l-attur nomine kien kostrett ihallas il-levy taht protesta;

U premess illi l-attur nomine fis-sitta (6) ta' Jannar, 1995 hallas bhala levy fuq il-merkanzija minnhu impurtata kif fuq inghad is-somma ta' erbat elef, erbgha mija u tlieta u tmenin liri Maltin (Lm4,483) u dana taht protesta;

U premess illi dak il-pagament, minhabba r-ragunijiet premessi ma kienx dovut;

U premess illi fit-tmintax (18) ta' Awissu, 1995 l-attur nomine interpella lill-konvenut nomine biex jirrifondi lilhu s-somma minnhu mhallsa, izda inutilment, u dan kif jidher mill-kopja ta' ittra ufficjali li giet annessa, esebita u mmarkata bhala Dokument B;

L-attur nomine talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-merkanzija importata mill-attur nomine kienet tikkontjeni cocoa extracts u chocolate essence kif fuq inghad;

2. tiddikjara konsegwentement li l-importazzjoni tal-istess merkanzija ma kienitx soggetta ghall-hlas tal-levy u kellha tigi hekk klassifikata;

3. tiddikjara konsegwentement li l-hlas ta' erbat elef, erbgha mija u tlieta u tmenin lira maltija (Lm4,483) bhala levy mill-attur nomine ma kienx dovut lill-konvenut nomine;

4. tikkundanna ghalhekk lill-konvenut nomine ihallas lill-attur nomine is-somma ta' erbat elef, erbgha mija u tlieta u tmenin liri Maltin (Lm4,483) flimkien mal-imghax legali mis-sitta (6) ta' Jannar, 1995 u bl-ispejjez, inluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Awissu, 1995.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana a fol 14 fejn eccepixxa:

1. Illi l-attur qieghed jimposta l-kawza b'mod skorrett. Il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet kienet dwar jekk il-helu importat mill-attur kienx jaqa' taht l-intestatura doganali 'HS 1806.9090' (li tigbor fiha 'Chocolate and other food preparations containing cocoa'), kif ippretenda l-attur, jew taht l-intestatura 'HS 1704.9020' ("Toffes and boiled sweets") kif il-prodott gie klassifikat mill-esponent wara li anke ha parir minn ghand il-'Laboratory of Government Chemist' tar-Renju Unit.

   Il-bazi fattwali ghat-talbiet kif prezentata fil-premessi tac-citazzjoni u l-ewwel talba fic-citazzjoni huma irrelevanti stante li l-intestatura li tahta jaqa' l-prodott ma tiddependiex minn jekk dan fihx 'cocoa extracts' u 'chocolate essence' izda dwar jekk il-prodott fihx 'cocoa' ('kokotina') jew le.

   Ic-citazzjoni hija ghalhekk sostanzjalment nulla stante li ma hemm xejn mitlub li fil-prattika jista' jwassal ghar-rifuzjoni tal-imposta in kwistjoni jew, ta' l-imghaxijiet.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tiddikjara klassifikazzjoni tal-prodott maghmula mill-esponent bhala nulla sakemm ma jirrizultaliex 'mala fede' jew sakemm dan ma jirrizultax

permess mill-Artikolu 742(2) u (3) tal-Kap. 12 kif urgenti fiz-zmien meta saret il-klassifikazzjoni u meta giet prezentata l-kawza odjerna. L-attur ghalhekk ghandu jispecifika l-bazi gurisdizzjonali tat-talbiet tieghu.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-Qorti ma tistax tintalab tbiddel l-apprezzament xjentifiku tal-prodott maghmul mill-awtorita komputenti sakemm mhux abbazi ta' zball manifest fl-istess apprezzament.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont li tieghu qeghda tintalab ir-rifuzjoni thallas peress li kien dovut u t-talbiet ta' l-attur huma ghalhekk ukoll infondati.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal a fol 20 li fih il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni;
Rat il-verbal a fol 159;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-noti tal-partijiet;
Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-merkanzija importata mill-attur nomine kienet tikkontjeni cocoa extracts u chocolate essence;

tiddikjara konsegwentement li l-importazzjoni tal-istess merkanzija ma kienitx soggetta ghall-hlas ta' levy u kellha tigi hekk klassifikata;

tiddikjara li l-hlas ta' Lm4,483 (erbat elef, erba' mija u tlieta u tmenin liri Maltin) levy ma kienx dovut;

tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' Lm4,483 (erbat elef, erba' mija u tlieta u tmenin liri Maltin) flimkien ma' l-imghax legali mis-sitta (6) ta' Jannar, 1995 u bl-ispejjez.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li l-ewwel eccezzjoni giet irtirata (ara fol 20).

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenut eccepixxa li l-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni biex tiddikjara kassifikazzjoni tal-prodott maghmula mill-esponent bhala nulla sakemm ma jirrizultaliex 'mala fede' jew sakemm dan ma jirrizultax permess mill-artikolu 742(2) u (3) tal-Kap 12 kif vigenti fiz-zmien meta saret il-klassifikazzjoni u meta giet prezentata l-kawza odjerna. L-attur ghalhekk ghandu jispecifika l-bazi gurisdizzjonali tat-talbiet tieghu.

Il-Qorti ma tistax tintalab tbiddel l-apprezzament xjentifiku tal-prodott maghmul mill-awtorita kompetenti sakemm mhux a bazi ta' zball manifest fl-istess apprezzament.

L-ammont li tieghu qed jintalab ir-rifuzjoni thallas peress li kien dovut u t-talbiet ta' l-attur huma ghalhekk ukoll infondati.

**PROVI**

**L-attur** xehed li s-socjeta' attrici kienet importat toffee u boiled sweets u l-konvenut ippretenda li kien hemm levy dovuta fuq dina l-merkanzija u kellha tigi klassifikata taht il-Kapitolu 17.04 tal-Customs Import Tariff. Hu qed jikkontendi li dina l-merkanzija kellha tigi ezentata mill-hlas tal-levy billi kien fiha cocoa extracts u ingredjenti ohrajn inkluzi l-cocoa. Hu kellhu jhalli deposit akkont ghal levy qabel irtira l-merkanzija mid-Dwana. Doc C fol 10. Hu kien ipprezenta lid-Dwana dokument minn barra li juri li l-merkanzija kien fiha ingredjenti li kienu jikkontjenu l-cocoa. Id-Dwana m'accettawx is-sottomissjoni taghhom ghalhekk kien qabbad lil Dr.G.Peplow, mill-Universita' biex jaghmel ezami kimika ta' l-istess. Dan kien sab li

kien hemm ingredjenti li kienu jikkontjenu cocoa. Dok. A fol 44. Id-Dwana m'accettawx il-konkluzzjonijiet kontenuti f'dana r-rapport. Kienet saret korrispondenza mad-Dwana izda meta dawna m'accettawx il-posizzjoni taghhom kellhom jipprocedu bil-Qorti.

**Dr. George Peplow** xehed li hu senior lecturer l-Universita ta' Malta fil- kimika analitika. Hu kien ezamina l-merkanzija in kwistjoni u kien sab ingredjenti li normalment ikunu prezenti fil-cocoa. It-test mhux definitiv ghal cocoa imma definittiv ghall-ingredjenti li jezistu fil-cocoa. Il-kwantita' ta' dawn iz-zewg ingredjenti li sab kienet ta' inqas minn 1%. Hu sab 220mg/Kg ta' Chokoko. (fol 39; 54). Kien ghamel testijiet fuq izjed minn konsenja wahda u r-rizultalu li kienu fl-istess range, b'varjazzjoni zghira bejniethom. Is-samples gew moghtija lilu minn rapprezentant tal-kumpanija attrici u ezaminahom l-Universita'. Ir-rapport li ghamel kien jaqbel bazikament mar-rapport ta' l-espert Ingliz. Bejn iz-zewg consignments li kien ezamina, kienet ghaddiet xi sena.

**Victor Sammut**, senior customs analyst, xehed li hu kien involut f'merkanzija li kienet dahlet Malta f'Marzu 1994 fuq helu li gie importat mill-atturi. Mario Gatt kien qallu biex jezamina xi kampjuni billi l-atturi kienu gabu certifikat ta' Dr.G.Peplow fejn qal li kien hemm "small quantities of cocoa extracts". Billi l-atturi diga kienu uzaw is-servizzi ta' l-Universita', fejn is-soltu huma kienu jaghmlu l-analizi taghhom, huma rriferew il-kaz lil Laboratory of Government Chemist ta' l-Ingilterra. (ara fol 102). Kien baghtilhom sitt varjetajiet ta' helu tal-marka Trefin ghall-analizi. Dawn kienu ghamlu rapport f'Dicembru 1994 fejn ikkonkludew li "the six varieties were found not to contain cocoa at or above the limit of determination. We therefore recommend that the products are proper to 17/04 of the Harmonised System" (fol 104) li hija t-tariffa tas-sugar confectionery. L-atturi ma qablux u ssottomettew rapport iehor ta' Dr.Peplow datat tnejn (2) ta' Frar, 1995. Hu kien baghat dawn iz-zewg rapporti ta' Dr.Peplow, u c-certifikat iffirmat minn Dr.Benjiz tal-exporting company lil LGC ghall kummenti taghhom. (ara fol 105). Fit-tmienja (8) ta' Gunju, 1995 (fol 106) dawn kienu rrispondew li "the certificate signed by Dr.Benjiz has no relevance in that it refers to chocolate essence and not to cocoa solids. The

Chemist acting on behalf of the trader has not confirmed cocoa to be present in these products". (fol 107). Minhabba f'hekk id-Dwana baqghet issostni l-posizzjoni taghha. Skond id-dok a fol 109 taht it-tariffa 17/04 li tirrigwarda sugar confectionery, hemm imsemmi ezempju ta' prodott li xorta jaqa taht is-17/04 ghalkemm *it contains only mere traces of cocoa.*

**Mario Gatt** xehed u rrefera ghall-konsenja a fol 8. Kienu baghtulu samples biex jara jekk jaqawx taht it-tariffa 17/04 jew 18/06. L-atturi kienu iddikjarawhom taht il 18/06 li kienet bla levy. Hu kien iddecieda li parti minnhom kienu jaqu taht il 17/04 u ghalhekk kienet dovuta levy fuqhom. Ir-raguni kienet li la fuq ir-wrapper u lanqas fil-lista ta' ingredients ma kien hemm imnizzel li kien hemm cocoa. Kien baghat kampjun lill-ispizjar taghhom u dana qabel mieghu. Kienu baghtu wkoll il-kampjuni barra lil LGC Londra u dawn qablu maghhom li kienu sweets without cocoa u classifiable taht 17/04. L-ewwel konsenja kienet giet released u ma sarx deposit ghal levy. Meta giet it-tieni konsenja hu insista ghal-deposit fuq il-levy. Il-merkanzija kienet l-istess izda dina d-darba fuq l-outer wrapping tal-borza kien hemm overprinting fuqha "containing cocoa". Huma kienu gabru l-levy u zammew kampjuni tal-merkanzija. L-ewwel konsenja huma kienu ikklassifikawha wara li giet rilaxxjata. Huma talbu l-levy anke fuq l-ewwel konsenja u hemm kawza pendenti fuq hekk. Huma ghamlu testijiet fuq konsenja wahda billi kienu ta' l-istess kwalita'. Ix-xhud esebixxa kopja ta' rapport tal-World Customs Organization Dok MGX fol 140 u MGY a fol 142. Dawn kienu qalulu li billi l-ammont ta' cocoa li nstab kien zghir hafna, dana ma setghax jeffettwa l-klassifika. Bhala decizjoni finali taghhom huma hassew li ghandhom imorru quddiem il-Classification Board taghhom biex jigi stabilit il-level of determination.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**ECCEZZJONI DWAR SINDAKABILITA'**

L-attur qed jissottometti li d-decizjoni tal-konvenut li jikklassifika l-merkanzija taht tariffa wahda u mhux l-ohra hi decizjoni soggettiva billi hu mhux biss qed

jikklassifika l-merkanzija izda qed izied rekwiziti li mhux maghmula mill-ligi (Local Manufactures Promotion Act 31/1989 Art:9) u stabilixxa livell ta' minimu jew massimu. Ghalhekk qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara li l-azzjoni tal-konvenut kienet ultra vires. L-attur irrefera ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Dr.A.Sammut vs Kontrollur tad-Dwana tat-tletin (30) ta' Novembru, 1993.

Il-konvenut minn naha l-ohra qed jissottometti li dina l-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni billi f'kaz ta' accertamenti teknici l-Qrati ma jiddisturbawx id-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet pubblici sakemm dawn ma jkunux jaqghu barra l-poteri ta' dawk l-awtoritajiet. Il-Qorti trid tara jekk l-awtorita amministrattiva kelliex il-poter fil-ligi li tasal ghal accertament li ghamlet.

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut fuq is-sindikabilita' o meno tal-Qorti fil-kaz in ezami l-Qorti trid l-ewwel tezamina l-fatti qabel ma taghti decizjoni fuq l-eccezzjoni u dana billi l-kwistjoni dwar jekk att amministrattiv sarx b'vjolazzjoni tal-ligi jiddependi fuq kostatazzjoni ta' fatt.

Ghalhekk f'dana l-istadju d-decizjoni fuq dina l-eccezzjoni qed tigi posposta ghad-decizjoni finali fil-mertu.

**IL-KARENZA TA' INTERESS GURIDIKU TA' L-ATTURI.**

Il-konvenut qed jissottometti li din il-kawza mhiex wahda dikjaratorja fejn persuna qed timpunja decizjoni amministrattiva dwar l-assoggettazzjoni ta' dak il-prodott ghal-levy imma kawza ghar-rifuzjoni ta' ammont ta' levy allegatament imhallas.

Fil-fatt dana mhux hekk, kif wiehed jista jara mill-ewwel zewg domandi fic-citazzjoni li huma dikjaratorji u ghalhekk jistghu jissusistu minghajr u indipendentement mit-talbiet l-ohra. Il-kwistjoni kollha kienet inghalqet minhabba nuqqas ta' qbil dwar il-klassifika tal-prodott importat. Fil-verbal a fol 20 l-attur kien iddikjara li l-iskop tac-citazzjoni tieghu kien li jigi stabilit mill-Qorti jekk l-oggett importat jaqghax taht klassifika wahda jew klassifika ohra.

Il-konvenut issottometta wkoll li l-atturi gabru lura minghand il-konsumatur il-levy imhallas minnhom bhala parti mill-prezz u ghalhekk illum huma m'ghandhomx interess guridiku li jerga jigbru dan il-levy minghand il-Gvern. La darba l-attur ghazel li jigbor il-levy bhala parti mill-prezz huwa accetta li dina kienet dovuta. Hu ma jistax jikkunsidra l-levy bhala dovuta ai fini tal-komputazzjoni ta' prezz lill-konsumatur u bhala mhux dovuta ai fini ta' dina l-kawza.

Dwar dana l-punt il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut billi l-attur jibqghalu interess, kif inghad fuq, li jiehu decizjoni mill-Qorti fejn jigi dikjarat jekk l-oggett importat - li hu ma importatx darba biss imma regolarment - ser ikunx soggett ghal levy jew le, meta jgib il-konsenji l-ohra. Dana indipendentement mit-talba ghar-refusjoni tal-levy li hu jsostni li ma kienitx dovuta.

**KLASSIFIKA TAL-PRODOTT**

Posizzjoni atturi

L-attur qed jissottometti li l-merkanzija taqa' taht H.S.Code 1806 ghaliex il-merkanzija tikkontjeni cocoa kif ukoll a bazi tal-klassifikazzjoni li ghamel id-Dipartiment tad-Dwana tal-Belgju. Kemm il LGC kif ukoll Dr.G. Peplow sabu tracci ta' cocoa fis-sustanza theobromine. L-atturi qed jissottomettu li l-Ligi ma timponi ebda limitu. La darba l-esenzjoni ma tillimitax b'xi kwantita u taghti interpretazzjoni wiesgha lill-kelma cocoa tant li tinkludi powder, essence and ingredient, m'ghandux il-Kontrollur jaghmel xi limitu fuq il-kwantita' ta' sustanza li ghandha tinsab fil-prodott.

Posizzjoni tal-konvenut

Il-konvenut (u LGC) qed jissottomettu li l-cocoa extract misjub fil-helu in kwistjoni huwa ta' kwantita' zghira hafna u mhux tal-kwalita' ta' cocoa solids. Il-presenza tac-cikkulata ma jistax jittiehed bhala fatt stabbilit. Inoltre l-iktar li jista jkun fih cikkulata

dan il-helu huwa .057% fit-tip Orfina, u l-ohrajn fihom inqas jew xejn. Finalment anke kieku wiehed kellu jaccetta l-analisi tal-manifattur, il-kwantita' ta' cikkulata fil-helu tant hi zghira li ma tbiddilx il-karattru tal-prodott. Din hi kwistjoni de minimis li l-Qorti ma tikkonsidrahiex.

Tikkunsidra

Mhux kull analisi li saret (r-rizultati taghhom gew ezibiti fil-process) kienet positiva ghal presenza ta' cocoa - ez. Belgju, UK u Canada.

LGC ma sab ebda cocoa fil-prodotti u jekk dina kienet tezisiti kienet inqas minn 1%. Ara fol 104. "The six varieties were found not to contain cocoa at or above the limit of determination."

Il-Kanada ddecidew li l-helu ma kienx fih cikkulata sal-livell li jippermetti detection. {fol 140 "No detectabile cocoa …. by weight".}

Il-Gappun sabu li cocoa was determined in Hartmint, Cristal Fruit, Vienna and Avril whereas it was questionable whether Orfina contained cocoa. However, the content of cocoa would be less than .01%. (fol 140). Il-Belgju l-istess (fol 141).

Anke dak li sab l-espert Malti l-manifattur tal-helu kien minimu.

Dwar il-kwistjoni jekk il-kontrollur imponiex minimu u kellux l-awtorita' li jaghmel hekk il-Qorti hi tal-fehma li l-Kontrollur huwa moghti l-fakolta' mhux biss li jikklassifika l-prodotti imma wkoll l-fakolta li jaghmel valutazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt. Dan jinkludi li meta l-kontrollur jigi biex jikklassifika irid jara jekk dak il-prodott ghandux il-karattru ta' prodott tal-cocoa u hux prodott li jinsab fil-kapitolu tat-Tariffa dwar Cocoa u Cocoa preparations. Il-Kontrollur ghandu l-poter li japplika t-tariffa ghall-kazijiet specifici u dana jinkludi l-poter li jaghmel accertamenti teknici dwar jekk il-prodotti ghandhomx il-kwalitajiet rikjesti fil-paragrafi tat-tariffa jew le.

Fil-kaz in ezami l-Qorti ghandha tezamina l-accertamenti teknici maghmula mill-konvenut u tannulahom biss jekk jirrizultalha li dawn kienu manifestament zbaljati u cioe li l-ebda awtorita' amministrattiva ragjonevoli ma setghet tasal ghal dak l-accertamenti. Inkellha l-Qorti tkun qed tusurpa l-funzjoni tal-awtorita' amministrattiva u ma tkunx semplicement qed taghmel stharrig gudizzjarju.

The power of the court to interfere in each case is not as an appellate authority to override a decision of the local authority but as a judicial authority which is concerned only to see whether the local authority have contravened the law by acting in excess of the powers which Parliament has confided in them. [Associated Provincial Picture Houses Limited vs Wednesbury Corporation (1947 IKB 223)].

Fil-kaz in ezami l-Qorti tikkonkludi li fl-accertament tekniku maghmul mill-konvenut u mill-esperti tieghu ma kien hemm xejn fondamentalment hazin jew irragjonevoli. Anzi l-konvenut ibbaza ruhhu fuq analisi maghmula mil LGC ta' l-Ingilterra u dawn ir-rizultati jaqblu ma' dawk tal-laboratorji tal-Gvern Kanadiz u Belgjan.

Il-presenza zghira (inqas minn 0.01%) ta' cocoa fil-konsenja importata mill-attur bl-ebda mod ma tbiddel in-natura u l-karattru tal-prodott importat minn wahda li tigi klassifikata bhala helu ghal ohra li tigi klassifikata taht HS Code No.1806 ezenti mill-levy. Il-konvenut kellu s-setgha li b'mod oggettiv jiddeciedi jekk il-presenza ta' dan l-ammont minimu ta' cocoa kien sostanzjali tant li jimmerita li l-helu importat jigi klassifikat taht HS Code 1806. Il-konvenut esercita din is-setgha fl-ispirtu tal-ligi u ddecieda li tali klassifikazzjoni ma setghetx issir. Tista ssir riferenza hawn ukoll bhala ezempju ghal para. 17:04 li jikklassifika bhala helu taz-zokkor anke "white chocolate composed of sugar, cocoa butter, milk powder, and flavouring agents but not containing more than traces of cocoa" (fol 110).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**